# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2600

Każ Numru: 3520/RAM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Reuben Psaila
(K.I. Numru 380177 M)

(Appellant)

u

Malta Public Transport Services (Operations) Limited)
(C 48875)

(Soċjeta' Appellata)

*Dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Illum: Il-Ġimgħa 03 ta' Mejju 2019

**Chairman: Mr Richard A Matrenza** **MOM DPE(Oxon) FRES FioD**

01. **Preambolu**

Dan il-Preambolu qed niktbu wara ħafna ħsieb u riflessjonijiet fil-fond.

Nibda biex ngħid illi meta nħtart *Chairperson* tat-Tribunal fl-2016 kont ilni iżjed minn erbgħin (40) sena nassisti parti jew oħra quddiem it-Tribunal Industrijali minn meta twaqqaf b'Liġi fl-1976 u beda jiffunzjona fi Frar 1977.

Il-Liġi li welldet it-Tribunal Industrijali kienet intiża biex f'każ meta ħaddiem jitkeċċa mix-xogħol u jħoss li t-tkeċċija ma tkunx saret għal raġuni ġusta, il-ħaddiem ikollu l-mezz li jressaq il-każ allegat u jinstema quddiem Tribunal li ma jkunx Qorti iżda b'setgħat speċifiċi.

Id-Deċiżjoni tat-Tribunal tkun finali. Tista tiġi Appellata biss fuq punt ta' Liġi.

It-Tribunal jisma', jimxi fuq il-fatti u l-provi li jiġu quddiemu. M'huwiex Qorti, M'huwiex u m'għandux ikun Legalistiku.

> ***".....it-Tribunal Industrijali m'huwiex Qorti....."***
> *(ara email 11 May 2018 firmata mis-Sur Emanuel Sciriha*
> *Director & Registrar Civil Courts & Tribunals)*

U dan huwa rikonfirmat u dokumentat minn dak li kiteb id-Direttur Generali tal-Qorti lil dan l-istess Tribunal ***"Tribunal Industrijali ma jaqax"*** *taħt il-Qrati tal-Ġustizzja.*

> *(ara ittra tweġiba datata 15 ta' Frar 2019 firmata mis-Sur Frank Mercieca wara li dan it-Tribunal kien talab tagħrif u jkarifiki fil-15 ta' Jannar 2019)*

Mhux dan biss. Iżda wkoll li mkien fid-diversi kuriduri tal-Qrati ma hemm referenzi u/jew indikazzjoni dwar Awli allokati lit-Tribunal Industrijali.

It-Tribunal Industrijali jiltaqa' fil-Qrati Superjuri. Huwa 'TOLLERAT' M'għandux Awli tiegħu.

Fuq kollox it-Tribunal Industrijali l-anqas ma jissemma mkien fil-Pubblikazzjoni Uffiċjali:
**"Qrati tal-Ġustizzja, Malta u Għawdex, Charter għaċ-Ċittadini"**
Dokument pubblikat mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

Dan kollu qed jingħad u jinkiteb fl-aktar mod ċar u dirett għaliex f'dawn l-aħħar snin mindu reġa' beda jiffunzjona it-Tribunal Industrijali f'Ottubru 2016, u bdejt nisma' l-Każi, osservajt kif donnu li dawn il-prinċipji fundamentali, kif u għalfejn twaqqaf it-Tribunal Industrijali, donnhom qed jintesew jew jitwarrbu; hemm min qed jaħseb u jipprattika qisu quddiem Qorti tradizzjonali.

02. **Sfond – Introduzzjoni**

Dan il-każ tressaq mill-impjegat Reuben Psaila, aktar l-isfel imsejjaħ l-Appellant, quddiem dan it-Tribunal Industrijali fid-19 ta' Diċembru 2016 permezz ta' Rikors (talba) fuq il-firma tal-Avukat Mark Grima flimkien ma erba'(4) dokumenti, immarkati:

- Dok JP1 - Kuntratt ta' impieg datat 27 ta' Ġunju 2011
- Dok JP2 - Kuntratt ta' impieg datat 14 ta' Jannar 2012
- Dok JP3 - Ittra datata 27 ta' Lulju 2016
- Dok JP4 - Ittra ta' Terminazzjoni datata 18 ta' Awwissu 2016

***Fil-File tal-Każ id-dokumenti jidhru mmarkati:-***

- RP1 - Contract of Employment
- RP2 - Contract of Employment
- RP3 - Ittra fuq il-firma ta' Roderick Bajada Human Resources Director
- RP4 - Ittra fuq il-firma ta' Roderick Bajada Human Resources Director

Minbarra fid-Dokument JP1/ RP1 il-firma tal-Appellant ma teżistix.

It-Tribunal Industrijali rċieva ir-Risposta tas-Soċjeta' Appellata fl-20 ta' Marzu 2017 fuq il-firem tal-Avukat Paul Gonzi u l-Avukat Thomas Bugeja.

Ma kien hemm l-ebda firem f'isem is-Soċjeta' Appellata skont il-Memorandum u l-Articles of Association tas-Soċjeta' Appellata.

It-Tribunal qed isemmi dan bħala fatt.

L-Avukati Gonzi u Bugeja ippreżentaw Lista ta' Dokumenti:

- Dok MPT1 - Kuntratt tax-Xogħol datat 27 ta' Ġunju 2011
- Dok MPT2 - Kuntratt tax-Xogħol datat 14 ta' Jannar 2012
- Dok MPT3 - *Termination Letter datata* 18 ta' Awwissu 2016
- Dok MPT4 - Jobplus *Termination Form*

Il-*Contract of Employment (*Dok MPT1) bil-Lingwa Ingliża, fuq *letterhead* tas-Soċjeta' ARRIVA MALTA bil-*JOB TITLE – SENIOR MECHANIC fih erba' (4)* paġni ta' daqs A4, mhux enumerati u mhux inizjalati ħlief fir-raba' paġna fejn hemm firma BISS (ma jidhirx l-isem) *For and on behalf of Arriva Limited* u l-firma u l-isem tal-Appellant Reuben Psaila.

Dok MPT2 (skont il-File) huwa *Contract of Employment* ta' ħames paġni ta' daqs A4 intestati ARRIVA – ARRIVA MALTA LIMITED, il-paġni mhux inizjalati u mhux enumerati ħlief firma li ma tindikax ta' min hi *For and on Behalf of Arriva Limited* u firma ta' Reuben Psaila.

Id-Dokument MPT3 fuq *Letterhead Malta Public Transport* huwa fuq il-firma ta' Roderick Bajada, *Human Resources Director.* Ma hemm l-ebda firma oħra.

Id-Dokument MPT4 l-istess fuq daqs ta' karta A4 li ma juri xejn minn fejn oriġina, hemm stampat BISS *Termination Form*, donnu tidher fuq xi mezz elettroniku, fih: *Transaction* Ref: TE2016138613; *Status: accepted* (O9/09/2016*); Nature of Employment: INDEFINITE; Notice Date* 20/08/2106; *Termination Reason: Redundancy: Lack of Work.*

Fil-File jidher Dokument ieħor DB1 ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2017 fuq *letterhead* intestata ARRIVA ARRIVA MALTA c/o ARRIVA plc u aktar l-isfel fl-ewwel paġna taħt fuq in-naħa tal-lemin fil-kantuniera *Arriva Malta Limited Company Registration No: C48875 Registred Office 192 Old Bakery Street Valletta CONTRACT OF EMPLOYMENT* ta' GODWIN GRECH K.I. 514375M *Job Title: SHIFT SUPERVISOR.* Ħames paġni mhux enumerati u l-anqas inizjalati ħlief fil-ħames (5) paġna firma, mingħajr isem: *For and on behalf of Arriva Malta Ltd*, u firma fuq l-isem stampat GODWIN GRECH.

Id-data tidher li hi 25/5/11.

03. **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

L-ewwel Seduta inżammet il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu 2017. L-aħħar Seduta (it-tlettax-il seduta) inżammet nhar il-Ġimgħa 06 ta' Lulju 2018.

Fl-aħħar seduta sar qbil illi is-Soċjeta' Appellata kellha sal-31 ta' Awwissu 2018 sabiex tippreżenta is-sottomissjonijiet tagħha; l-Appellant sat-28 ta' Settembru 2018.

Il-Partijiet għamlu dan sew bil-miktub kif ukoll oralment quddiem it-Tribunal.

Għandu jingħad illi l-Appellant kien membru ta' Trade Union tal-għażla tiegħu il-UHM - *Voice of the Workers.*

Fil-21 ta' April tal-2017 fuq talba tal-istess Tribunal ġie preżentat dokument MPTS1 li juri *Collective Agreement 2016- 2020.*

Fl-imsemmi *Collective Agreement* fil-Paragrafu 54 (paġna 54) taħt ir-ras *REDUNDANCES* hemm żewġ paragarafi 54.1 u 54.2.

Fil-paragrafu 54.1 hemm miktub ċar u tond:

> *"All redundances will be made in accordance with the* provisions of current Industrial Legislation....."

Dan il-*Collectiive Agreement* jidher iffirmat, fost oħrajn, minn JESMOND BONELLO, Director UHM - *Voice of the workers*, **Roderick Bajada**, *Human Resources Director* żewġ(2) firmatorji minn tmienja (8), erba(4) minn kull naħa bejn *Union* u *Employe*r (Principal).

Madankollu, skont id-Dokument RP4 ippreżentat juri biss f'din l-ittra datata 18 th August 2016 fuq il-firma ta' **Roderick Bajada**, *Human Resources Director* indirizzata:

> *"Dear Reuben, I refer to your meeting with Company Officials held on 26th July 2016 and whereby it was communicated to you that the position of Engineering Supervisor within the engineering department in Malta is being abolished. This meant that you as an employee of the Company would be made redundant."*

XEJN AKTAR! (*ittri kbar u enfażi tat-Tribunal).*

L-ebda referenza għal dak li jipprovdi l-istess *Collective Agreement* fil-paragrafu indikat "***with the provisions of current industrial legislation"!!***

Huwa għaldaqstant ampjament evidenti illi is-Soċjeta' Appellata la mxiet ma dak li ffirmat għalih, l-anqas ma użat il-makkinarju provdut mill-'***provisions of current industrial legislation'*** biex waslet għad-deċiżjoni tagħha.

Warrbet, injorat għal kollox dak li ntrabtet li kellha tagħmel. Skont l-istess *Collective Agreement* kif elaborat fil-*PREAMBLE* u partikolarment kif miktub f'a. minn a,b, c, d, e, li jgħid:

> *(a) ".....in the mutual interest of both the employer and the employees....."*

Fuq kollox fl-istess paġna erba(4) taħt ir-Ras *BINDING EFFECT* sub-paragrafu 1.1 minn 1.2 u 1.3 li jgħid mingħajr ekwivoku:

> *1.1 "The Parties affirm that this Agreement is a contract that legally binds the Parties concerned."*

Is-Soċjeta' Appellata, warrbet, insiet jew deliberatament ma mxietx ma dak kollu li ntrabtet li għandha tagħmel skont il-ftehim Kollettiv (*Collective Agreement: 2016 - 2020).*

04. **Deċizjoni**

Għal dak kollu kif spjegat it-Tribunal isib u jaqta illi t-terminazzjoni tal-Impieg kif ġiet preżentata lit-Tribunal Industrijali, u mid-dokumenti esebiti, dan it-Tribunal jasal għad-Deċiżjoni studjata tiegħu illi t-Terminazzjoni tal-Impieg ma kentix u ma saritx għal raġuni ġusta.

05 **KUMPENS**

Għaldaqstant il-Principal, is-Soċjeta' Appellata, hija ordnata mit-Tribunal Industrijali biex:

i) Tagħti ĊERTIFIKAT NADIF ta' Temm tal-Impieg u li fih ma tħalli l-ebda dubju f'min jaqrah li l-impieg ma ntemmx fuq bażi ta' Dixxiplina jew *'Redundancy'*;

ii) Is-Soċjeta' Appellata bħala l-Prinċipal tara li tkun ħallset fis-sħiħ is-sehem tagħha tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurta' Nazzjonali għall-perjodu KOLLU matul l-impieg tal-Appellant.

iii) Sa l-aħħar jum ta' xogħol tax-xahar ta' Mejju 2019 Is-Soċjeta' Appellata għandha tħallas għal darba waħda biss l-ammont ta' Tnejn u Tletin Elf Euro (€32,000) lill-Appellant.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-Xogħol.

06. **Drittijiet statutorji ta' minn jassisti**

l-Avviż Legali 48 tal-1986 jobbliga illi min assista lill-partijiet ma jistgħux jitħallsu iżjed minn €93 kull wieħed irrispettivament minn kull pretensjoni oħra li jista jkollhom dwar dan il-każ.

Iffirmat: Richard A Matrenza
Chairman

Mogħti u moqri fil-Pubbliku Illum il-Ġimgħa, 03 ta' Mejju 2019.

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja